



L-Istati Membri jistgħu jippermettu aċċess parzjali għal waħda mill-professjonijiet koperti mill-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali inklużi xi professjonijiet tas-saħħa

Għandha ssir distinzjoni bejn “professjonisti” li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku u “professjonijiet” li għalihom jista’ jiġi stabbilit aċċess parzjali

Kawża dwar atti regolatorji mmirati lejn ċerti aspetti tal-aċċess parzjali għall-professjonijiet tas-saħħa qed iġġib kontra xulxin diversi organizzazzjonijiet professjonali fis-settur tas-saħħa ¹ u l-Ministre des Solidarités et de la Santé (il-Ministru għas-Solidarjetà u s-Saħħa), il-Ministre de l'Enseignement supérieur, de la recherche et de l'innovation (il-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja, Riċerka u Innovazzjoni) kif ukoll il-Premier Ministre (il-Prim Ministru). Fil-fatt, hija prevista l-possibbiltà ta' aċċess parzjali għall-professjonijiet kollha tas-saħħa, inklużi professjonijiet li għalihom japplika l-mekkaniżmu tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali.

Il-Kunsill tal-Istat Franċiż qed jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk id-direttiva dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali ² teskludix Stat Membru milli jintroduċi l-possibbiltà ta' aċċess parzjali għal waħda mill-professjonijiet li għalihom japplika l-mekkaniżmu għar-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali previst mill-istess direttiva.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabelxejn, li d-direttiva tipprovdi, fir-rigward tal-kwalifiki formali ta' tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara, sistema ta' rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki ta' taħriġ ibbażata fuq il-koordinazzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' taħriġ. Hija tispeċifika, madankollu, li **huma esklużi mill-aċċess parzjali previst mid-direttiva daww il-professjonisti li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom u mhux il-professjonijiet li huma kkonċernati minn tali rikonoxximent awtomatiku. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea għażel li jiddistingwi l-użu tal-kliem “professjonijiet” u “professjonisti”.**

Sussegwentement, hija tfakkar li, fil-każ ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, Stat Membru għandu jkun jista' jirrifjuta aċċess parzjali, b'mod partikolari għal professjonijiet tas-saħħa, jekk ikollhom implikazzjonijiet marbuta mas-saħħa pubblika jew mas-sikurezza tal-pazjenti. Il-professjonijiet tas-saħħa jinkludu, b'mod partikolari, professjonijiet ikkonċernati bir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali, bħal daww ta' tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, tobba dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel, u spiżjara li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku. Għalhekk, il-possibbiltà li aċċess parzjali għall-imsemmija professjonijiet jiġi rrifjutat timplika, bħala prinċipju, li l-aċċess parzjali għalihom mhux eskluż.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali aċċess parzjali jissodisfa, min-naħa l-waħda, l-għan ġenerali tat-tneħħija bejn l-Istati Membri ta' ostakli għall-moviment liberu ta' persuni u ta' servizzi u, min-naħa l-

¹ L-association Les chirurgiens-dentistes de France, il-confédération des syndicats médicaux français, il-fédération des syndicats pharmaceutiques de France, is-syndicat des biologistes, is-syndicat des laboratoires de biologie clinique, is-syndicat des médecins libéraux u l-Union dentaire, kif ukoll il-conseil national de l'ordre des chirurgiens-dentistes, il-conseil national de l'ordre des masseurs-kinésithérapeutes u l-conseil national de l'ordre des infirmiers.

² Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU 2005, L 255, p. 22), kif emendat mid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU 2013, L 354, p. 132).

oħra, l-għan iktar speċifiku li jingħata aċċess parzjali lill-professjonist li jitolbu meta, fl-Istat Membru ospitanti, l-attivitajiet ikkonċernati jkunu parti minn professjoni li l-kamp ta' attivitajiet ikunu ikbar milli fl-Istat Membru ta' oriġini, u li d-differenzi bejn l-oqsma ta' attività jkunu tant kbar li jkun meħtieġ mill-professjonist li jagħmel programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jikkumpensa għan-nuqqasijiet tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota wkoll li, **fin-nuqqas tal-possibbiltà ta' aċċess parzjali għall-professjonijiet tas-saħħa elenkati** hawn fuq, **numru mdaqqas ta' professjonisti tas-saħħa kkwalifikati fi Stat Membru biex iwettqu ċerti attivitajiet hemmhekk li jaqgħu f'waħda minn dawn il-professjonijiet**, iżda li ma jikkorrispondux, fl-Istat Membru ospitanti, għal professjoni eżistenti, **ikollhom ikomplu jaffaċċjaw ostakli għall-mobbiltà**.

Konsegwentement, id-direttiva timplika li professjonisti li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom għandhom aċċess għall-attivitajiet kollha koperti mill-professjoni korrispondenti fl-Istat Membru ospitanti u li għalhekk ma humiex ikkonċernati minn aċċess parzjali. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni ma timplikax li l-professjonijiet ma humiex ikkonċernati minn aċċess parzjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **d-direttiva ma tipprekludix leġiżlazzjoni li taċċetta l-possibbiltà ta' aċċess parzjali għal waħda mill-professjonijiet koperti mill-mekkaniżmu għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali previsti minn din id-direttiva**.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" □ ☎ (+32) 2 2964106